**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Novembru, 2016**

Kawza Numru: 141/2016JB

Numru: 10

**Richard Mallia (K.I.: 396747M)**

***vs***

**Erica Ann Ellul (K.I.: 424794M) u Ricky Vella (K.I.: 582991M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-22 ta' April 2016 fejn l-Attur talab li l-Konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tlitt elef u hames mitt euro (€3,500) rapprezentanti spejjez tad-dawl u l-ilma minnhom ikkunsmati fil-fond bl-indirizz 4, Block D, 41, Triq Sir Luigi Preziosi, Bugibba, liema fond huwa proprjeta tal-Attur u hsarat kagunati fuq mobbli li kienu fl-istess fond. Talab ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali u l-imghaxijiet;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-13 ta' Gunju 2016 (a fol 6);

Ra li l-Konvenuta Erica Ann Ellul, debitament notifikata bl-atti (a fol 9), nhar is-27 ta' Mejju 2016 ressqet risposta (a fol 7) fejn irrispingiet il-pretensjonijiet Attrici billi l-ammont mitlub mhuwiex dovut;

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti (a fol 14), il-Konvenut Ricky Vella naqas milli jipprezenta risposta u lanqas ma deher ghas-smiegh;

Ra n-nota tal-Attur prezentata fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016 (a fol 20) fejn ceda l-kawza fil-konfront tal-Konvenuta Erica Ann Ellul izda zamm ferm l-azzjoni fil-konfront tal-Konvenut Ricky Vella;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-Attur fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016 (a fol 21) u qies li l-Konvenut naqas milli jidher sabiex jirrispondi ghalih u li n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ikkunsidra;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut – ghad li debitament notifikat – naqas milli jipprezenta risposta kif ukoll naqas milli jidher ghas-smigh.  Mill-banda ‘l ohra, l-Attur waqt li ceda l-kawza fil-konfront tal-Konvenuta Erica Ann Ellul, irnexxielu jipprova t-talba bil-procedura tas-subizzjoni.  Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi fil-waqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba in kwantu diretta fil-konfront tal-Konvenuta Erica Ann Ellul stante c-cessjoni, jilqa’ t-Talba attrici fil-konfront tal-Konvenut Ricky Vella u konsegwentement jikkundanna lill-Konvenut Ricky Vella jhallas lill-Attur is-somma ta’ €3,500.  L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-istess Konvenut Ricky Vella.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*